MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 2776/1999/1

**Louis Camilleri**

**v.**

**Joseph Camilleri**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija fid-29 ta' Marzu 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €5,821.20 rapprezentanti danni kaggjonati minnu, konsistenti fin-nuqqas tieghu li jaghtih sehemu mill-introjtu tal-bejgh ta' biljetti ghad-dhul ta' attivita` [party] organizzat miz-zewg partijiet bi shubija ma' xulxin, bl-imghaxijiet legali sad-data tas-sentenza tad-data tal-pagament effettiv.

**Is-Sentenza Appellata**

2. Peress li fis-sentenza appellata hemm indikati l-premessi u t-talbiet attrici, l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kif ukoll rassenja dettaljata tal-fatti tal-kaz, u l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha, ser tigi riprodotta l-parti relevanti taghha li taqra hekk:

> "Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Diċembru, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) tillikwida d-danni mġarrba minnu bi ħtija tal-imħarrek talli żamm għalih il-flus imħallsa u l-biljetti mhux mibjugħa ta' attivita` (*party*) organiżżata minnhom it-tnejn f'Ottubru tal-1999 fil-lokal bl-isem ta' "*Club Terrain*", u li qabel kien iġib l-isem ta' "*Il-Foresta*" f'Ta' Qali; u (b) tikkundanna lill-imħarrek iħallsu s-somma hekk likwidata bħala danni. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;
>
> "Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Jannar, 2001[1], li bih ordnat li l-atti taċ-Ċitazzjoni jerġgħu jitressqu f'kopja minħabba li l-proċess ma kienx instab aktar u ordnat ukoll li ssir in-notifika tal-imħarrek;
>
> "Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2001[2], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

[1] Paġ. 13 tal-proċess
[2] Paġ. 15 tal-proċess

“Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Marzu, 2001, li bih reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

“Rat in-Nota mressqa mil-attur fis-16 ta’ Mejju, 2001, li bih ressaq kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni maħlufa;

“Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-2 ta’ Lulju, 2001, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li l-azzjoni ma setgħetx titressaq kif tressqet għaliex fejn hemm sħubija t-talba kellha ssir għall-għoti ta’ rendikont u l-qsim tal-qligħ li seta` kien hemm, u mhux għal-likwidazzjoni tad-danni. Żied jgħid li l-azzjoni attriċi saret qabel waqtha għaliex l-attur qatt ma ta rendikont huwa nnifsu tal-għadd ta’ biljetti u d-dħul li kellu mill-bejgħ ta’ biljetti min-naħa tiegħu. F’kull każ, it-talbiet atriċi m’humiex mistħoqqa għaliex mhux talli l-attivita` ma ħallietx qligħ, iżda huwa kellu joħroġ flus minn ġewwa biex jagħmel tajjeb għan-nefqiet li ġabet magħha l-attivita`. Temm jgħid li huwa ma għamel l-ebda ħsara lill-attur li għaliha għandu jagħtih xi kumpens;

“Rat is-sentenza tagħha tal-25 ta’ Settembru, 2003[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

“Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqin minnhom;

“Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ Mejju, 2007[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

“Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fl-14 ta’ Awissu, 2007[5];

“Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-12 ta’ Novembru, 2007[6], bi tweġiba għal dik tal-attur;

“Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

“Rat l-atti kollha tal-kawża;

“Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

“***Ikkunsidrat:***

[3] Paġġ. 33 – 9 tal-proċess
[4] Paġ. 140 tal-proċess
[5] Paġġ. 141 – 5 tal-proċess
[6] Paġġ. 148 – 151 tal-proċess

"Illi din hija azzjoni għad-danni. L-attur u l-imħarrek kienu daħlu sħab f'attivita` ta' divertiment biex jinawguraw u jerġgħu jagħtu ħajja lil stabiliment kummerċjali. Biex sar dan, daħlu f'nefqa wkoll biex itejbu l-post. Kienu nedew attivita` u daħlu f'rabta ma' terzi għal *sponsorship*. L-imħarrek ħa ħsieb il-bejgħ u t-tqassim tal-biljetti. L-attivita` saret, iżda l-attur jgħid li l-imħarrek żamm għalih il-biljetti mhux mibjugħa u wkoll id-dħul minn dawk li biegħ. L-attur irid il-likwidazzjoni tad-danni li ġarrab minħabba l-imġiba tal-imħarrek u l-ħlas ta' sehemu mill-istess bejgħ;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li l-azzjoni kif saret ma tiswiex (għaliex kien messu ntalab l-għoti ta' rendikont, u mhux l-azzjoni tad-danni) u li saret qabel waqtha (għaliex l-attur innifsu qatt ma ta rendikont lilu tal-biljetti mibjugħa minnu u l-flus li daħħal minn dak il-bejgħ). Laqa' wkoll billi ċaħad it-talbiet tal-attur għaliex huwa m'għamel xejn li bih ġab ħsara lill-attur u, fuq kollox, għaliex l-attivita` li għamlu ma ħallietx qligħ x'jinqasam, iżda, għall-kuntrarju, kemm hu u kif ukoll l-attur kellhom joħorġu flus minn ġewwa biex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-attivita`. Jgħid li l-attur ma ħariġx sehemu minn dawk l-ispejjeż;

"Illi din il-Qorti kienet ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni b'sentenza li tat fil-25 ta' Settembru tal-2003;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'Awissu tal-1999, l-attur kien ħajjar lill-imħarrek biex jidħlu għat-tmexxija ta' stabiliment kummerċjali li jinsab f'Ta' Qali bl-isem ta' "*Il-Foresta*" jew "*Club Numero Uno*" u li dak iż-żmien kien ilu xi snin mitluq[7]. F'dak ix-xahar kien intlaħaq ftehim mal-kerrej tal-post biex il-partijiet imexxu l-istabiliment għal erba' (4) snin, bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra[8]. Kien meħtieġ li jsir titjib fil-post u qablu li jibdlu l-isem tal-istabiliment billi jibda jissejjaħ "*Club Terrain*". Il-partijiet kellhom f'moħħhom li jniedu l-istabiliment b'attivita` (*party*) li kellha ssir fis-17 ta' Ottubru, 1999. Il-ħsieb kien li din l-attivita` tiġbed tlitt elef (3,000) ruħ u l-prezz ikun ta' tmien liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm 8.50)[9] kull biljett tad-dħul. Stampaw b'kollox tlitt elef u ħames mitt (3,500) biljett[10], fi ktejjeb ta' għoxrin (20) biljett kull wieħed[11]. Sitt mitt (600) biljett minnhom kellhom jingħataw b'xejn ("*complimentary*") lill-i*sponsor* u lil xi nies oħrajn;

"Illi l-partijiet qasmu l-biljetti bejniethom biex ifittxu jbigħuhom. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek għadda ħames mitt (500) biljett lill-impriża ta' promoturi jisimha "*Genetix*", li kienet ftiehmet mal-partijiet li tieħu ħsieb iġġib *disk jockey*

[7] Dok "LC1", f'paġġ. 43 – 5 tal-proċess
[8] Dok "JCA", f'paġġ. 72 – 6 tal-proċess
[9] Li jġibu € 19.80 fi flus tal-lum
[10] Xhieda tal-imħarrek 1.6.2006, f'paġ. 89 tal-proċess
[11] Dok "LAS5", f'paġ. 60 tal-proċess

mill-Olanda[12], iżda tingħata d-dritt li tmexxi l-*bars* fil-post dak inhar li kellha ssir l-attivita`[13];

“Illi l-attur jgħid li l-imħarrek ma kienx f’qagħda li mill-ewwel joħroġ sehemu min-nefqa kapitali li kellha ssir fil-post. Jidher, iżda, li xi nefqiet dwar xogħlijiet ta’ titjib fil-post u ħlas lil ħaddiema sar miż-żewġ partijiet flimkien[14]. F’Settembru, il-partijiet daħlu fi ftehim ta’ *sponsorship* esklussiv ma’ kumpannija[15] li kellha toħroġ sebat elef lira Maltin (Lm 7,000)[16] u taħt il-kundizzjonijiet l-oħra hemm imfissra. Il-partijiet f’din il-kawża kellhom ibatu n-nefqa tal-attivita`, magħduda wkoll dik marbuta mal-wirja *live* ta’ artist li kellu jinġab minn barra minn Malta. Dik il-kumpannija ngħatat, bi skont, ħames mitt (500) biljett “*complimentary*” biex tqassamhom kif jidhrilha hi. Seħħilha tqassamhom kollha minbarra erbgħa (4)[17]. L-i*sponsor* għamel tajjeb għan-nefqa ta’ ftit aktar minn tlitt elf u sitt mitt lira Maltin f’reklamar li kien sar qabel l-attivita`[18], kemm f’ġurnal lokali[19] u kif ukoll waqt xandira radjufonika, u li l-partijiet fil-kawża kienu għadhom ma ħallsux sa dak inhar[20];

“Illi l-attivita` saret kif maħsub. Billi mhux il-biljetti kollha kienu nbiegħu sa qabel dak inhar, uħud inbiegħu fil-bieb. L-għada, l-imħarrek ma deherx u żamm għandu l-flus li nġabru mill-biljetti mibjugħa u bosta mill-biljetti li l-attur kien għaddhielu u li baqgħu ma nbiegħux. L-attur ukoll kien għad fadallu f’idejh mitejn (200) biljett li ma nbiegħux. Fid-19 ta’ Ottubru, 1999, l-imħarrek qabbad avukat biex iwissi lill-attur biex ma jkellmux jew jersaq lejh. F’Awissu tal-2001, l-imħarrek radd il-biljetti u tagħrif kollu li kellu f’idejh, meta l-Pulizija bagħtet għalih hi u tistħarreġ ilment li kien ressaq magħha l-attur dwar il-każ[21];

“Illi fid-29 ta’ Diċembru, 1999, l-attur fetaħ din il-kawża;

“Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta’ xejra legali li jintrabtu mal-kawża, l-Qorti tibda biex tqis li l-attur għażel li jibni l-azzjoni tiegħu fuq il-ħtija jew l-għamil dannuż. L-attur jixli lill-imħarrek b’imġiba li ġabitlu ħsara minkejja l-ftehim li kien sar bejniethom li jaqsmu ndaqs id-dħul min-negozju li kienu daħlu għalih u li dik il-ħsara saret bir-rieda tal-istess imħarrek. Il-ħsara li l-attur jgħid li ġarrab bi ħtija tal-imħarrek ġrat minħabba li dan naqas milli jagħti lill-attur is-sehem tiegħu mid-dħul tal-bejgħ tal-biljetti tal-attivita` kummerċjali li nedew bejniethom;

---

12 Dok “AM9”, f’paġ. 128 tl-proċess
13 Affidavit ta’ Charles Camilleri f’paġ. 53 tal-proċess
14 Dok “JCB”, f’paġ. 71 tal-proċess
15 Dok “LAS1”, f’paġġ. 61 – 2 tal-proċess
16 Li jġibu € 16,305.61 fi flus tal-lum
17 Dok “LAS5”, f’paġ. 60 tal-proċess
18 Dokti “LAS3” u “LAS4”, f’paġġ. 63 – 70 tal-proċess
19 Dok “LAS2”, f’paġ. 64 tal-proċess
20 Xhieda ta’ Lino Abela Scolaro 1.6.2006, f’paġ. 82 tal-proċess
21 Xhieda tas-Suprintendent Alexandra Mamo 3.5.2007, f’paġġ. 109 sa 112 tal-proċess

"Illi l-liġi trid li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[22], kemm jekk dik il-ħsara ssir b'għamil u kif ukoll jekk tiġri minħabba nuqqas ta' għamil li messu sar[23]. Kemm hu hekk, in-nuqqas jew omissjoni ta' dak li messu sar u jonqos milli jsir jista' jnissel il-ħtija akwiljana jekk kemm-il darba tali nuqqas ġara bir-rieda jew bit-traskuraġni ta' min kellu jagħmel il-ħaġa[24]. Din il-ħtija titnissel kemm jekk ir-rabta bejn persuni tkun waħda ġejja minn kuntratt u kif ukoll waħda extra-kuntrattwali[25];

"Illi l-azzjoni kif imressqa mill-attur tqiegħed f'ħoġor l-imħarrek il-ħtija ta' mġiba li tqarrab lejn id-delitt. Kemm hu hekk, xi żmien wara li l-attur fetaħ din il-kawża, ittenta proċeduri mal-Pulizija biex jistħarrġu lill-imħarrek sewwasew fuq ix-xilja li dan żamm għalih jew approprija l-flejjes miġbura mill-bejgħ tal-biljetti li kellu f'idejh. Il-fatt li dawk il-proċeduri ma wasslux għat-teħid kontra l-imħarrek ta' proċeduri kriminali[26], ma jfissirx li taħt il-lenti tal-azzjoni ċivili taqa' wkoll l-azzjoni attriċi. Iżda biex l-azzjoni attriċi tirnexxi mhux biżżejjed li l-attur jixħet xilja mas-saqajn jew iqanqal sempliċi suspett, għaliex jaqa' fuqu li juri tajjeb biżżejjed li l-pretensjonijiet tiegħu kontra l-imħarrek jirriżultaw ippruvati kif imiss;

"Illi f'dan il-każ tal-lum ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-ħsieb tagħhom kien li jidħlu għal biċċa negozju flimkien biex jibdew imexxu stabiliment kummerċjali. Il-ħsieb kien ukoll li huma jaqsmu mill-qligħ f'ishma ndaqs. Jidher li kien hemm fehma li t-tnejn li huma jidħlu għan-nefqa li kienet meħtieġa biex il-post jinġab f'qagħda sura wara t-telqa li kien tħalla fiha għal snin sħaħ. Jidher ukoll li, minkejja dak li l-attur jgħid fil-bidu tal-każ, iż-żewġ partijiet intrigaw għall-bejgħ tal-biljetti għall-attivita` mertu tal-kawża. Ma huwiex kontestat lanqas li kull parti naqset li taqsam mal-oħra dak li setgħet ġabret mill-bejgħ li sar mill-biljetti min-naħa tagħha. L-attur jagħmel dan għaliex jgħid li hu ma kellux biljetti x'ibigħ, filwaqt li l-imħarrek jgħid li żamm il-flus għaliex kien ħareġ minn butu somom oħra li bihom għamel tajjeb għan-nefqa li saret biex saru xogħlijiet ta' titjib u tisbiħ tal-post;

"Illi dak li l-partijiet, fil-ħerqa tagħhom, naqsu li jagħmlu kien li jlaħħmu l-ftehim tagħhom f'kitba u li jżommu rendikonti aġġornati u xierqa ta' dak li kien qed isir u minn min. Għall-bidu, bnew ir-rabta ta' bejniethom biss fuq il-fiduċja f'xulxin (għall-anqas it-tnejn li huma hekk jistqarru). Kien minħabba f'hekk li ma jistax jingħad li bejn il-partijiet kienet inħalqet soċjeta` ċivili kif tridha l-liġi, ladarba rabta bħal din teħtieġ il-ftehim miktub għas-siwi tagħha taħt piena ta' nullita`[27]. Ġara li, aktar ma qorob il-jum li fih kellu jitnieda l-avveniment li bih il-partijiet

[22] Art. 1031 tal-Kap 16
[23] App. Inf. **18.10.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd vs Korporazzjoni Enemalta et***
[24] F. Ricci *Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile* (Vol VI), paġġ. 118 – 9
[25] App. Inf. **29.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Middlesea Insurance p.l.c. noe vs Joseph Zaffarese***
[26] Xhieda tas-Suprintendent Alexandra Mamo 3.5.2007, f'paġ. 108 tal-proċess
[27] Art. 1233(1)(f) tal-Kap 16

kienu sejrin iżanżnu l-post u minħabba r-rabtiet li kienu nbdew ma' terzi, aktar bdew jittieħdu deċiżjonijiet mal-ħaġra t-tajn u, x'aktarx, bla ma parti tikkonsulta mal-oħra. Meta wasal il-jum tal-avveniment u beda jberraq dwar x'aktarx x'ser ikun l-eżitu tal-investiment tagħhom, il-partijiet kienu tilfu l-fiduċja f'xulxin u daħlu s-suspetti. Sal-għada tal-avveniment, il-fiduċja kienet intilfet għal kollox u n-negozju ta' bejniethom miet tista' tgħid mal-bidu tiegħu;

"Illi f'dan il-qafas ta' ġrajjiet, il-Qorti tqis li huwa meħtieġ li tistabilixxi kemm inbiegħu biljetti għall-avveniment mertu tal-każ u min mill-partijiet kien involut f'dan u safejn. Dan kollu jitlob li l-Qorti tistħarreġ ukoll min mill-partijiet qiegħed jgħid is-sewwa, għaliex il-verżjonijiet taż-żewġ partijiet huma kontrastanti ħafna. Ladarba l-attur jibni l-każ tiegħu fuq l-allegazzjoni li l-imħarrek żamm għalih il-flus li dan ġabar mill-bejgħ tal-biljetti li ngħata, jaqa' fuq l-attur li, qabel kull ħaġa oħra, juri kemm tassew kienu ngħataw biljetti lill-imħarrek. L-attur baqa' tul il-kawża kollha jgħid li huwa ma ntriga bl-ebda bejgħ min-naħa tiegħu u li l-biljetti kollha – tneħħi dawk maħsuba li jingħataw lill-i*sponsor* bi skont – kellhom jinbiegħu mill-imħarrek;

"Illi l-Qorti ma tistax toqgħod b'għajnejha magħluqa fuq din il-verżjoni tal-attur. Fl-ewwel lok, ma jagħmilx sens li l-attur jgħid li huwa ma kien intriga bl-ebda mod biex ibigħ il-biljetti, meta mbagħad jistqarr li mitejn (200) biljett baqgħu f'idejh mhux mibjugħa wara l-avveniment[28]. Dan il-fatt ixejjen ix-xilja li kien l-imħarrek li ntriga waħdu bil-bejgħ tal-biljetti u li żamm kollox taħt idejh. Fit-tieni lok, l-attur għadu jisħaq li l-għadd ta' biljetti stampati kien ta' tlitt elef (3,000). Din iċ-ċifra ma taqbilx ma' provi dokumentali li juru li l-għadd ta' biljetti stampati kien ta' tlitt elef u ħames mija (3,500)[29] u li l-i*sponsor* ħallas lill-istampaturi għal dak l-ammont ta' biljetti. Minbarra dan, fost il-biljetti li jinsabu fl-atti, hemm uħud li n-numru tas-sekwenza tagħhom jaqbeż iċ-ċifra ta' tlitt elef[30]. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek baqa' jtenni mill-bidu sal-aħħar li l-għadd ta' biljetti kien ta' tlitt elef u ħames mija u qatt ma ċċaqlaq minn din il-qagħda tiegħu, ukoll meta ntalab imur ikellem lill-Pulizija u tahom l-istqarrija tiegħu[31]. Il-Qorti sejra toqgħod fuq din l-ogħla ċifra u sejra tqis li l-attur ukoll kellu biljetti f'idejh biex ibiegħhom;

"Illi hemm qbil bejn il-partijiet u prova li turi li l-i*sponsor* ngħata ħames mitt (500) biljett minnhom bħala "kumplimentari" bi skont. Dawn żgur ma jinteressawx lill-Qorti fil-kwestjoni li l-Qorti għandha quddiemha. Hekk ukoll hemm qbil li erba' mija u sittin biljett (460) li kienu f'idejn l-imħarrek baqgħu ma nbiegħux u għalhekk lanqas dwar dawn l-attur m'huwa jistenna l-kumpens[32]. Min-naħa tiegħu, l-attur jgħid[33], li l-għadd ta' biljetti mqassmin

[28] § 7 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġ. 142 tal-proċess
[29] Dok "LAS4", f'paġ. 69 tal-proċess
[30] Dokti "AM2" u "AM7", f'paġġ. 121 u 126 tal-proċess
[31] Dok "AM1", f'paġġ. 119 – 12 tal-proċess
[32] *Ibid* § 19, f'paġ. 144 tal-proċess

kumplimentari kien ta’ sitt mitt (600) biljett, jekk tgħodd ukoll dawk mogħtijin bi skont lill-i*sponsor*. L-attur ressaq dokument li jgħid li juri kemm biljetti ngħataw lill-imħarrek biex ibiegħhom[34]. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dak id-dokument bħala prova tajba. Fl-ewwel lok, dan jidher li jirreferi biss għal tnejn u tletin (32) mill-mija u ħamsa u sebgħin (175) librett ta’ biljetti li kienu stampati. Fit-tieni lok, ħdejn uħud mill-pakketti hemm l-isem ta’ “*Central Cigarettes*”, jiġifieri l-i*sponsor* tal-avveniment, u li qatt ma jista’ jkun li dawk il-biljetti kienu ngħataw lill-imħarrek biex ibiegħhom hu;

“Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li bejnu u bejn l-attur tqassmu ndaqs elfejn u ħames mitt (2,500) biljett, għaliex 500 inbiegħu bi skont lill-i*sponsor* u 500 oħrajn ingħataw lid-ditta *Genetix*[35]. B’hekk, jgħid, hu u l-attur kellhom elf mitejn u ħamsin (1,250) kull wieħed x’ibiegħu, li minnhom jgħid li huwa seħħlu jbigħ biss wieħed u sebgħin (71). Huwa jisħaq li l-attur biegħ mija u ħamsa u għoxrin (125) biljett li żamm id-dħul tagħhom għalih, filwaqt li tlieta u erbgħin (43) biljett inbiegħu fil-bieb dak inhar tal-*party*. Ma fissirx dawk il-biljetti mis-sehem ta’ min mill-partijiet kienu. Ix-xhud Charles Camilleri ta’ *Genetix* ċaħad li huwa ngħata xi biljetti biex ibiegħhom[36]. Iżda wħud mil-libretti tal-biljetti li l-imħarrek għadda lura lill-Pulizija juru li tassew kien hemm persuni oħrajn li jidher li ngħaddewlhom il-biljetti biex jgħinu fil-bejgħ tagħhom;

“Illi l-Qorti tqis ukoll li kien hemm żewġ verżjonijiet ma jaqblux dwar kemm nies marru fil-post dak inhar tal-*party*. Il-Qorti tifhem li l-partijiet kellhom ħsieb li kull waħda minnhom issaħħaħ il-pretensjoni tagħha – l-attur, biex jiġġustifika ammont ogħla ta’ kumpens, l-imħarrek biex ibaxxih kemm jista’. Filwaqt li l-attur jgħid li għall-attivita` attendew “’il fuq minn elfejn ruh”[37], u x-xhud Charles Camilleri ta’ *Genetix* qatagħha li “kien hemm mal-elf u ħames mitt ruħ u mhux iżjed”[38], l-imħarrek jgħid li ma setax kien hemm aktar minn tliet mija u tlitt (303) ruħ. Fis-sewwa, l-għadd ta’ nies li marru għall-*party* m’huwiex daqshekk determinanti, kemm għaliex kien hemm nies li nqdew bil-biljetti kumplimentari, u kif ukoll għaliex il-fehma tal-partijiet f’xi ħinijiet partikolari setgħet kienet għal kollox arbitrarja. Iżda l-għadd ta’ nies preżenti jista’ jitfa’ dawl fuq kemm biljetti tqassmu, għaliex huwa mistenni li kull min daħal fil-post għamel dan wara li wera l-biljett jew wara li xtrah mill-bieb;

“Illi wara li l-Qorti rat sewwa l-provi dokumentali mressqa u fliethom wieħed wieħed, u qieset ix-xhieda mogħtija mill-partijiet, tasal għal-fehma li, fin-nuqqas ta’ prova aktar ċara, kull wieħed mill-partijiet kellu għad-dispożizzjoni tiegħu elf mitejn u ħamsin (1,250) biljett x’ibigħ għall-imsemmi avveniment.

[33] Affidavit tiegħu f’paġ. 45 tal-proċess
[34] Dok “A”, f’paġ. 46 tal-proċess
[35] Xhieda tiegħu 1.6.2006, f’paġġ., 89 – 90 tal-proċess
[36] Xhieda tiegħu 1.6.2006, f’paġ. 86 tal-proċess
[37] Paġ. 45 tal-proċess
[38] Paġ. 86 tal-proċess

Minn dak l-għadd, l-imħarrek radd lura lill-Pulizija disa' mija u tmenin (980) li minnhom tmien mija u tnejn u għoxrin (822) ma kinux inbiegħu. Dan ifisser li, fil-każ tal-erba' mija u tmienja u għoxrin (428) biljett l-ieħor li jew inbiegħu jew ma tax lura l-ktejjeb tagħhom lill-Pulizija, irid jagħti nofs id-dħul tagħhom lill-attur, ladarba l-ftehim ta' bejniethom kien li jaqsmu l-qligħ indaqs. Mid-dokumenti mressqa mill-istess imħarrek, jidher li wħud mill-pakketti ta' biljetti li huwa radd lura lill-Pulizija kienu jirrigwardaw biljetti li, kif seħaq l-istess imħarrek, kienu f'idejn l-attur u terzi biex ibiegħuhom huma. Dawn jitilgħu għal tmien pakketti jew mija u sittin (160) biljett ieħor[39]. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li dawk il-pakketti m'għandhomx jintgħaddu mal-għadd li l-imħarrek ta' rendikont tagħhom u l-ekwivalenti ta' dawk it-tmien pakketti jiżdiedu mal-għadd li l-imħarrek naqas li jagħti lura. Dan iġib li l-imħarrek irid jikkumpensa lill-attur nofs il-valur tal-ħames mija u tmienja u tmenin (588) biljett li jew tħallas tagħhom jew ma raddx lura;

"Illi l-valur fi flus tal-lum tal-imsemmija 588 biljett jitla' għal ħdax-il elf sitt mija u tnejn u erbgħin euro u erbgħin ċenteżmi (€ 11,642.40), li l-imħarrek irid iħallas nofsu lill-attur;

"Illi għal dak li jsemmi l-imħarrek fit-**tielet eċċezzjoni** tiegħu, l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tqis tajba l-pretensjoni tiegħu li huwa żamm għalih id-dħul mill-biljetti biex jagħmel tajjeb għan-nefqiet li huwa jgħid li daħal għalihom fl-interess tan-negozju li daħlu għalih iż-żewġ partijiet. Dan jingħad għaliex il-liġi ma tippermettix li persuna li għandha xi pretensjoni "tieħu l-liġi b'idejha" u żżomm għandha dak li jistħoqq lil ħaddieħor. Lanqas, f'dan il-każ, ma jidher li tista' ssir tpaċija, u dan minħabba li fiż-żewġ pretensjonijiet – dik tal-attur u dik tal-imħarrek – jonqos l-element essenzjali tas-somma ċerta u likwida[40]. Minbarra dan, l-imħarrek ma ressaqx talba rikonvenzjonali għall-ħlas lilu tan-nefqa li daħal għaliha;

"Illi wkoll dwar it-**tieni eċċezzjoni** mqajma mill-imħarrek, il-Qorti ma tarax għaliex l-azzjoni attriċi saret qabel waqtha. Jekk l-imħarrek ried li jingħata rendikont mingħand l-attur, ma kellu xejn x'iżommu milli jagħmel dan, u x'aktarx li kieku l-partijiet fittxew li jimxu b'aktar irġulija ma' xulxin, kieku kienu jaslu għal arranġament tajjeb bejniethom ħafna aktar qabel. Iżda l-attur kellu kull interess u jedd li jressaq din l-azzjoni ladarba l-imħarrek kien għalaqlu l-bieb għan-negozjati u ladarba joħroġ li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, l-attur tassew għandu jieħu mingħand l-imħarrek dwar is-sehem tiegħu mill-bejgħ tal-biljetti;

"Illi billi t-talbiet tal-attur kienu jeħtieġu likwidazzjoni tal-pretensjonijiet tal-attur u billi s-somma mistħoqqa lilu qiegħda tkun likwidata bis-saħħa ta' din is-

[39] Dok "AM2", f'paġ. 121 tal-proċess
[40] Art. 1197(1) tal-Kap 16

> sentenza, l-imgħax li l-attur jippretendi fuq dak li jrid jitħallas irid jibda jgħaddi mil-lum u mhux minn dak inhar li sar l-avveniment;
>
> "Illi, f'kull każ, dan kollu jibqa' bla ħsara għal kull jedd ta' azzjoni li jista' jieħu l-imħarrek dwar il-pretensjonijiet tiegħu;

**Il-Fatti**

3. Fis-succint jinghad li l-partijiet dahlu fi ftehim verbali li jorganizzaw attivita` bil-ghan li, wara li jnaqqsu l-ispejjez maghmula, jaqsmu ugwalment il-qligh bejniethom. Huma hargu 3,500 biljett, li numru minnhom inghataw lill-*isponsors* tal-attivita` u jidher li kull parti inkarigat ruhha li tbigh 1,250 biljett bir-rata ta' LM8.50 kull biljett

4. Mill-provi jirrizulta li l-konvenut irnexxielu jbiegh 428 biljett, filwaqt li naqas li jaghti rendikont ta' 160 biljetti ohra, b'kollox 588 biljett li l-valur totali taghhom jammonta ghal LM,4,998, illum €11,645.34. Ghalhekk skont is-sentenza appellata b'kollox il-konvenut kellu jaghti lill-attur nofs din is-somma, ammontanti ghal €5,821.20.

5. Peress li l-konvenut naqas milli jaghti dan l-ammont dovut lill-attur, dan istitwixxa l-kawza odjerna.

6. Fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut ssolleva li l-azzjoni kif proposta hija improponibbli peress li l-azzjoni li kellu jaghmel l-attur ma kienitx dik ghal-

likwidazzjoni tad-danni, izda kellha ssir ghall-ghoti ghar-rendikont u qsim tal-qligh li seta` kien hemm.

7. B'sentenza preliminari moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 l-ewwel Qorti cahdet dik l-eccezzjoni wara li *inter alia* ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "…il-parti mharrka hija mistennija li tiddefendi ruhha mill-azzjoni mibdija kontra taghha fil-parametri tal-azzjoni maghzula mill-parti attrici. Fi kliem iehor, il-parti mharrka hija mistennija tiddefendi lilha nnifisha fuq l-azzjoni li fil-fatt infethet kontra taghha u mhux x'tahseb hi li l-parti attrici messa talbet….
>
> "….il-Qorti tasal ghall-fehma li l-eccezzjoni taht ezami ma tolqotx 'il-azzjoni attrici kif impostata, billi f'azzjoni ta' danni [ukoll bejn zewg shab f'socjeta`] mhuwiex mehtieg li tigi likwidata s-socjeta` jew li jinghata r-rendikont. Il-bazi tal-azzjoni ghad-danni – li jidher li hija l-azzjoni maghzula mill-attur – hija bil-wisq differenti minn dik tal-likwidazzjoni ta' socjeta`. Ghalhekk, ma jirrizultax li l-azzjoni attrici hija milquta minn nuqqas ta' talba mehtiega li jwassal ghal dikjarazzjoni li ma tiswiex."

**<u>L-Appell</u>**

8. Dan huwa bazat fuq tlett aggravji: [1] li mill-ammont tad-danni likwidati mill-ewwel Qorti kellu jitnaqqas il-qligh maghmul mill-attur mill-bejgh tal-biljetti li kienu ghandu, liema ammont l-attur zamm ghalih; [2] li l-azzjoni ghad-danni ma setghetx tirnexxi ghax ma giex provat ir-rekwizit tal-eghmil dannuz; [3] li l-konvenut ma kkaguna ebda danni lill-attur peress li dan minn naha tieghu zamm l-introjtu tal-biljetti mibjugha minnu.

9. Ghaldaqstant il-konvenut qed jitlob li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata, tichad it-talbiet attrici u "tiddikjara li l-ebda kumpens jew danni m'huma dovuti lill-attur appellat", bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

10. Min-naha tieghu l-attur qed jitlob li, ghar-ragunijiet minnu indikati fir-risposta tieghu, l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

**<u>L-Aggravji</u>**

*It-tieni u t-tielet aggravji*

10. Tenut kont tal-kontenut ta' dawn iz-zewg aggravji li jirrigwardjaw il-qalba tal-vertenza, din il-Qorti tikkunsidra opportun li titratta dan l-aggravju qabel l-ohrajn.

12. Dan jaqra hekk:

> "Illi l-ewwel Qorti kienet ukoll leglament zbaljata li halliet lill-attur imexxi b'azzjoni ghad-danni meta l-esponent appellant fil-verita` ma arreka l-ebda dannu lir-rikorrent appellat. Dan mizjud mal-fatt li, tenut kont li l-attur appellat kellu biljetti daqs kemm kellu l-esponent appellant u kienet l-Ewwel Qorti stess li [ikkonkludiet] li l-appellat kien biegh biljetti daqs l-appellant [jekk mhux aktar] kellu wkoll jirrizulta li l-esponenti appellant ma zamm xejn ghajr dak li kien sehmu, ezattament bhalma ghamel l-attur appellant. L-esponent appellant kellu ghaldaqstant ragun li fl-ewwel eccezzjoni mressqa minnu eccepixxa li l-attur qatt ma kellu jittenta azzjoni ghad-danni izda se mai kellu biss, fl-ewel lok

jaghti rendikont tal-qliegh li dan kien ghamel u minghaad jitlob ghall-qasma ta' qliegh [jekk se mai kinx hemm qliegh x' jinqasam]."

13. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li, ghalkemm it-tieni aggravju jirreferi wkoll ghal dak deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari, dan l-appell jirrigwarda biss is-sentenza finali.

14. Bazikament il-konvenut qed isostni li hu ma rreka ebda danni lill-attur, kemm ghax dan ukoll kien inghata ammont ugwali ghal tieghu ta' biljetti xi jbiegh, kif ukoll ghax hu kien ghamel diversi spejjez minn butu.

15. Illi, ghalkemm fl-affidavit tieghu l-attur stqarr li hu ma kellux biljetti xi jbiegh peress li kien ha l-inkarigu li jiehu hsieb ix-xoghlijiet ta' ristrutturazzjoni tal-fond fejn kienet ser issir l-attivita`, l-ewwel Qorti ma accettatx din il-verzjoni tal-attur, u kkonkludiet li anke l-attur kellu l-istess ammont ta' biljetti bhall-konvenut xi jbiegh. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni mill-apprezzament tal-fatti fl-assiem taghom, u din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida sabiex, bhala Qorti ta' revizjoni, tiddisturba l-apprezzament tal-fatt maghmul mill-ewwel Qorti.

16. Ghalhekk jirrizulta li l-attur, bhal konvenut, kellu fil-pussess tieghu elf, mitejn u hamsin biljett (1,250) sabiex ibieghhom, li mitejn (200) *ex admissis*[41]

[41] Fol.142

kienu baqghu ghandu. Dan ifisser li mill-provi akkwiziti f'din il-kawza, l-attur ghandu jaghti rendikont ta' x'ghamel b'dawn il-biljetti li jekk jirrizulta li gew mibjugha minnu kollha jwasslu ghall-introjtu ta' ghoxrin elf, seba' mija hamsa u disghin Euro (€20,795)[42], liema ammont diga` jaqbez is-somma ta' hdax-il elf, sitta mija u hamsa u erbghin Euro u erbgha u tletin centezmi (€11,645.34) stabbilita mill-ewwel Qorti bhala introjtu li ghamel il-konvenut mill-biljetti mibjugha minnu.

17. Fid-dawl tal-premess, ikkunsidrat li mill-atti ma jirrizultax kemm inbighu biljetti mill-attur, kif lanqas jista' jigi defenit l-ammont tal-ispejjez li l-partijiet hargu minn buthom, b'mod partikolari l-attur li min-naha tieghu ma prezenta ebda ircevuta fir-rigward, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti li tezisti prova tad-danni realment sofferti mill-attur, u certament ma tistax tikkondividi l-konkluzjoni tal-istess qorti dwar il-komputazzjoni tad-danni, stante l-mankanza ta' provi sufficjenti f'dan ir-rigward.

18. Ghaldaqstant it-tieni u t-tielet aggravji huma fondati, u qed jigu milqugha.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-konvenut, u thassar is-sentenza appellata, filwaqt li thalli impregudikat id-dritt tal-partijiet li jitolbu rendikont minghand xulxin tal-introjtu percepit u l-ispejjez minfuqa minnhom.

[42] €1,250 – 200 [biljetti] x €19.80 [LM8.50]

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu bla taxxa, filwaqt li dawk tal-appell odjern ikunu kollha a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------